**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 23 ta' Frar, 2016**

**Talba Nru: 597/2015 DMA**

**GO plc**
**C 22334**

**Vs**

**Emanuel Bartolo**
**(ID 613553)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-21 ta' Lulju, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi s-socjeta' konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tmintax-il ewro u tmienja u sebghin centezmu (€318.78) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C 40088702 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti Dok IZY1 u Dok IZY2 – prospett u applikazzjoni ghas-servizz relattiv; u Dok IZY 3 – estratt mir-Registru Elettorali.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u lanqas ipprezenta risposta ghat-talba mitluba kontrih.

Dehret Charmaine Wiffen ghas-socjeta' attrici li fit-23 ta’ Frar, 2016 ikkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont ta’ tlett mija u tmintax-il ewro u tmienja u sebghin centezmu (€318.78) ghadu dovut.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta’ tlett mija u tmintax-il ewro u tmienja u sebghin centezmu (€318.78)  bl-imghax legali sa mid-data tal-prezentat,  sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**